MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 706/2002/1

**Fogg Insurance Agencies limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwrich Union International Insurance ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikura taghha John Bezzina abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess John Bezzina**

**Vs**

**Dr. Mark M. Bussuttil LL.D. kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Rifiat Khalil b' digriet tal-25 ta' April 2002.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm136.50), danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici John Bezzina, u li ghalihom ghamlet tajjeb

is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija, bhala rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Amery kantuniera ma' High Street, Sliema bejn vettura propjeta ta' l-attur John Bezzina, bin-numru EAD 747 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Rifiat Khalil bin-numru EAK 226, liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-kuratur deputat (fol. 13) li biha ddikjara li m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Mill-atti jidher bic-cjar li l-incident meritu ta' din il-kawza sehh meta l-konvenut nomine baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa mill-attur.

2. Mill-provi t-Tribunal huwa sodisfatt li l-konvenut nomine kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Min-naha tieghu l-konvenut nomine naqas milli jressaq provi.

3. B'riferenza ghad-danni reklamati, ma tressqet l-ebda kontestazzjoni u dawn jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas is-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm136.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Spejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut nominee.

**Avukat Dr. Anthony Ellul.**
**Gudikatur**